Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 26 April - Ġunju 2015 40c

*Il-Kummerċjalizazzjoni fil-Qasam tas-Saħħa*

# Tinxtegħel il-Bozza l-Ħamra

Il-Kummerċjalizazzjoni ta' diversi servizzi pubbliċi huwa proċess li daħal sew fl-Unjoni Ewropeja ma' Direttiva tas-Servizzi fl-2006, fejn din id-direttiva tobbliga l-Istati Membri biex numru ta' servizzi pubbliċi jinfetħu għas-suq, bil-għan biex kumpaniji privati jieħdu kontroll ta' dawn is-servizzi.




Għalkemm il-qasam Edukattiv u dak tas-Saħħa ma kienx inkluż f'din id-Direttiva, diversi pajjiżi Ewropej, fosthom anke Malta ntroduċew politika fejn ftit ftit beda jitnaqqas is-servizz offrut lill-pubbliku, bl-iskuża ta' nuqqas ta' ħaddiema u flus, (fosthom l-għeluq matul ċertu ħin tal-ġurnata ta' numru ta' ċentri tas-saħħa f'diversi lokalitajiet u l-għeluq tad-Dentistrija minn diversi lokalitajiet), lkoll mil-gvern preċedenti. Xejn għajr privatizzazzjoni bil-pulit.

Mil-banda l-oħra l-Gvern Laburista telgħa bl-għajta li jsaħħaħ il-qasam tas-saħħa. Il-politika li qed jadotta hi bbażata fuq *'il-kummerċjalizazzjoni'* ta' servizzi pubbliċi, li tinkludi fiha partial privatisation; 'Outsourcing'; u l-ħolqien ta' Public Private Partnerships.

Infatti l-politika neoliberali u l-politika ta' awsteritá hi l-mutur wara din l-istrateġija, li llum nfirxet b'mod b'saħħtu fl-Ewropa kollha, fejn qed naraw li rwol u l-funzjonijiet tal-Istat jinbidlu. Fejn l-Istat ma jibqgħax hu dak li jipprovdi u jħaddem dawn is-servizzi, imma qed jkunu entitajiet privati li jagħmlu dan, bil-gvern jkun biss regulatur u dak li jiffinanzja dawn is-servizzi - sabiex suppost jibqgħu mingħajr ħlas.

In-nuqqas fil-fondi pubbliċi, bil-politika fiskali ta' tnaqqis fit-taxxi, l-kriżi ekonomika u l-evażjoni ta' taxxa lkoll kienu strumentali biex il-privat setgħa jibda jieħu kontroll, b'mod faċli ta' dawn is-servizzi.

**Żminijietna tirreaġixxi -**

Infatti, Żminijietna - Leħen ix-Xellug hija ferm imħassba bid-direzzjoni tal-Gvern fl-istrateġija nazzjonali għall-qasam tas-saħħa.

Żminijietna temmen li l-gvern għandu jaġixxi sabiex jipprevjeni kwalunkwe kummerċjalizazzjoni tas-saħħa pubblika.

Fid-dawl ta' dan, Żminijietna tisħaq li "l-involviment tas-settur privat fil-qasam tas-saħħa se jwassal għal kummerċjalizazzjoni tas-settur tas-saħħa f'Malta, għad-detriment tal-pubbliku, ħaddiema li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, u l-aċċess universali għas-servizz tas-saħħa."

"L-użu ta' 'mudell ta' sħubija pubblika-privata (PPP) se jwassal sabiex is-saħħa pubblika f'Malta ssir industrija ta' sempliċi profitt u telf, li jista' jwassal biex jitnaqqas il-kwalità tas-servizz mogħti u s-sostenibbiltà ġenerali tagħha."

"Diversi studji internazzjonali wrew li l-politika li tħares biss lejn is-suq mhux bilfors tirriżulta fi tnaqqis tal-ispiża pubblika, jew titjieb fis-servizzi offrut, u tali politika fir-Renju Unit wasslet għal negliġenza fil-kura u l-bżonnijiet tal-pazjent.

Il-bidliet li qed jkunu proposti huma aktar konformi mal-motivazzjonijiet politiċi ta' interess minoritarju li għandu nfluwenza u strateġija, li hija aktar influwenzata mid-direzzjoni leminija u neo-liberali li qed tieħu l-Unjoni Ewropea, milli bi ħsieb ġenwin għal l-aħjar interess tal-pazjent", ikkonkludiet Żminijietna - Leħen ix-Xellug.



*Il-Palestina Diskussa*

**Żminijietna tintervista lil Salim Nazzal, Professur li jgħallem l-Istorja fl-Universita ġewwa Norveġja. Salim kiteb wkoll diversi artikli dwar dak li għaddej fil-Lvant Nofsani. Dan l-aħħar beda jidħol ukoll fil-qasam letterarju.**

## Ix-Xellug Radikali jiftaħ kapitlu ġdid fl-Ewropa.

Ir-rebħa riċenti fil-Greċja tal-partit Syriza qiegħda tiftaħ kapitlu ġdid fl-Istorja politika tal-Ewropa fejn ix-Xellug radikali reġa qed jsib l-għeruq tiegħu fl-Ewropa, wara għexieren ta' snin nieqes milli jkun forza rebbieħa. Infatti soċjal demokrazija qed tnaqqas mil-popolaritá.

Fi Spanja, il-Partit Xellugi Radikali Podemos wkoll qed jżied fis-sondaġġi, fejn bħalissa jidher li huwa l-ikbar partit fi Spanja, ftit xhur il-bogħod mil-Elezzjonijiet Ġenerali.

Ix-Xellug radikali jikkonsisti minn Xellugin, Komunisti, Ekoloġisti u Progressivi.

*Ġewwa...*

- *L-Editorjal*
- *Intelletwali Libertarji Amerikani Bikrin* - *Alfred Consiglio*
- *Labour Government on the Neoliberal Road* - *Victor Degiovanni*
- *Corporations should bow to people* - *Sammy Camilleri*
- *Facilitating life for Persons with Disability* - *Maryanne Zammit*
- *Rapport ta' diskussjoni mil-Alleanza Kontra l-Faqar*

# INTELLETWALI LIBERTARJI AMERIKANI BIKRIN

*minn Alfred Consiglio*

Fl-ibliet Amerikani tal-lvant matul il-kosta Atlantika kien hemm numru mhux ħażin ta' aġitazzjoni lejn tmiem is-seklu tmintax. Dan il-ferment assuma l-forma ta' protesti paċifiċi.



Warren

Madankollu, minn dawn l-ibliet, li kienu ndustrijalizzati b'ħeffa kbira u mibdulin f'inħawi ta' politika u ċentri ta' finanzi, qatt ma deher soċjaliżmu veru, filwaqt li ħaddiema organizzaw lilhom infushom f'manjieri paralleli mal-kapitalisti.

Hekk ukoll, fir-reġjuni agrikoli fejn in-nies kienu jaħdmu u jippruvaw ifeddlu r-reġjuni mhux ikkultivati.

Il-poplu kien għadu mhux riċettiv għal ideat ġodda u ħalla lilu nnifsu jkun mitmuh jew imġewwaħ intelletwalment mill-knisja, l-istampa u l-politiċi.



Spooner

F'din il-fortizza vasta ta' awtoritarjaniżmu u konservatiżmu feġġ moviment soċjalista ġdid. Kien attiv u varju, mimli bl-ispirtu ta' dedikazzjoni u numeruż relattivament, imma baqa' prattikament fuq il-periferija tas-soċjetà. Il-ħakkiema ħadu nota ta' dawn in-nies, xi drabi jammirawhom, iżda aktar iva milli le, biex iħarrkuhom.

Mill-aħħar tas-seklu tmintax il quddiem kien hemm dinja oħra li eżistit 'l hemm mill-kurrenti tal-ħajja Amerikana. Din id-dinja kienet il-komunitajiet kooperattivi ta' immigranti. Robert Owen (1771-1858)[1] esperimenta b'xorta ta' soċjaliżmu iżda b'mod inevitabbli l-esperimenti fallew.

Josiah Warren(1795-1874)-[2] irrealizza li tgħix soċjalment għandu jkun kompletament bħala individwu, u kien kontra l-kostrinġiment li grupp kollettiv jista' jimponi l-għamil ta' servizzi pubbliċi fuq individwi. Huwa xerred l-ideat tiegħu bil-pubblikazzjoni ta' '*The Peaceful Revolutionist'*, l-ewwel perjodiku anarkist stampat f'Ċinċinnati fl-1823.



Haywood

Dawn l-ideat ġew esponuti minn oħrajn bħal Lysander Spooner (1808-1887), Ezra Haywood (1829-1893) [3], Benjamin Tucker (1854-1939)[4], Lilian Harman (1870-1929)[5], u wkoll minn oqsma oħra bħal *The Social Revolutionist, The Radical Review u Liberty.*

Dawn l-anarkisti individwalisti ġġieldu kontra l-intervent ta' 'kollettiv' fil-ħajja ta' individwi, kontra l-poteri ekonomiċi kkonċeduti lill-monopolji.

Ix-xejra ewlenija ta' dan il-moviment, oriġinarjament kumpless u varju, kienet ridotta fi bdil dirett, jew mibdula f'ideat monetarji riformisti. Il-linji l-oħrajn kienu dwar libertà personali u sesswali.

Huwa stramb il-fatt li, sal-1885, dan l-anarkiżmu individwali Amerikan kellu jgħaddi bla ma jkun innotat mid-dinja tas-soċjaliżmu Ewropew ħlief fil-kas ta' Modern Times, kolonja maħluqa minn Stephen Pearl Andrews (1812-1886) [6] li l-ideat tiegħu kienu diskussi fil-ġurnal ta' Londra, The Leader, fl-1851.

Elie Reclus (1827-1904)[7] iltaqa' ma' dawn is-soċjalisti Amerikani meta żar l-Amerika fl-1877. Iżda l-aħwa Reclus ħassewhom il-bogħod mill-kunċett metikoluż ta' sostitwir rett kif esponut mill-Amerikani.

Xi wħud minn dawn l-individwalisti, mingħajr dubju, setgħu kienu preżenti għat-Tnax il-Sessjoni tal-Internazzjonal fi New York.

Din is-sessjoni kkawżat dieqa lil Marx għaliex naqset li tissottometti lejn wieħed mill-partitarji tiegħu; il-maġġoranza Marxista qalftet lid-delegat Amerikan mill-Kungress ta' The Hague fl-1872.

Fl-okkazzjoni tal-ġrajjiet wara l-istrajk tal-ferroviji fl-1877 f'Pittsburgh, xi żgħażagħ f'Boston ħadu pożizzjoni iebsa, u stampaw fl-1881 il-ġurnal *The Anarchist* li l-ewwel ħarġa kellha ċirkulazzjoni tremenda, imma twaqqfet mill-pulizija.

Il-ġurnal Liberty stabbilit minn Tucker wera xi ftit solidarjetà ma' rivoluzzjonarji internazzjonali. Il-ġurnal deher għall-ewwel darba fis-6 ta' Awwissu 1881, u kkumbatta lill-komunisti libertarji li sejjħu lilhom anarkisti, però Tucker kien akkużat fuq l-ideat tiegħu li individwalisti ma setgħux jitqiesu anarkisti.



Stephen P. Andrews

Xejn ma kien magħruf fl-Ewropa fuq l-anarkiżmu Amerikan, bħalma ftit fl-Amerika kienu jafu fuq il-ġrajjiet li kienu seħħew fl-Ewropa matul il-ħamsin sena ta' qabel.

*Liberty* kellha ċirkulazzjoni żgħira f'Londra fejn stampatur Ingliż, Henry Seymour (1860-1938)[8] stampa The Anarchist f'Marzu tal-1885.

L-individwaliżmu anarkist Amerikan kien ippreżentat fi Franza u l-Belġju minn perjodiċi u kittieba li ċertament ma aċċettawhx jew ħaddnuh fit-totalità tiegħu.

Noti:

1. Industrijalist u soċjalist komunitarju Ingliż.
2. Anarkist komunitarju Amerikan.
3. Anarkist individwalist Amerikan li kien kontra l-iskjavitù.
4. Awtur tal-ktieb Instead of a Book.
5. Kittieba u ġurnalista Amerikana li kienet tikteb l-aktar fuq suġġetti ta' sess.
6. Anarkist individwalist Amerikan.
7. Soċjalist libertarju Franċiż.
8. Anarkist u stampatur Ingliż, editur ta' The Anarchist u The Revolutionary Review, editur ukoll ta' Adult; lejn tmiem is-seklu sar editur tal-industrija tal-gramafonu għal Bacon




# Riforma Transport Pubbliku

## *Żminijietna - "effiċjenza, affordabilità, u aktar aċċessibilità"*

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tappoġġja il-pakkett ta' riforma li qed jidħol fis-seħħ fi transport pubbliku. Żminijietna tawgura li dawn ir-riformi jwasslu għal aktar effiċjenza, affordabilità, rotot aħjar u aktar aċċessibilità.

"Rigward l-ambjent, Żminijietna tqies bħala pożittiv l-introduzzjoni ta' vetturi Euro 6, għax dawn huma paralleli mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-emissjonijiet".

Fir-rigward ta' skema ta' biljetti, Żminijietna hija mħassba ħafna bi tneħħija ta' 'day ticket' u dik ta' ġimgħa għal persuni adulti".

"Din il-miżura l-ġdida tista' twassal għal spejjez aktar, per eżempju għall-ħaddiema li jaħdmu b'sigħat ta' xogħol irregolari, ħaddiema li jużaw transport pubbliku aktar minn darbtejn f'ġurnata, dawk li jużaw transport b'mod irregolari, familji bi tfal li għandhom aktar minn 12 -il sena".

Minn banda l-oħra, Żminijietna tappoġġja l-introduzzjoni ta' card għax biha tiżdied l-effiċjenza fir-rotot, peress li l-ħin fuq il-'bus stops' se jiqsar. Huwa wkoll pożittiv, il-fatt li l-kumpanija l-ġdida se tonora l-ftehim kollettiv li jeżisti preżentament.

*Editorjal*

# Il-Finanzi Pubbliċi!!!!

Il-Kummissjoni Ewropea dan l-aħħar ħarġet ċifra ta' kemm tisma li hi l-evażjoni ta' taxxa fl-Ewropa, li oħroġ il-għaġeb din tlaħħaq €3 Triljuni. Il-Kummissjoni tgħid li din is-sistema illegali qed timmina l-finanzi pubbliċi ta' diversi pajjiżi.

Fl-istess waqt toħroġ fil-midja l-aħbar li diversi persuni u kumpaniji, anke Ewropej, fosthom Malta tefgħu flushom f'post barra l-pajjiż biex huma wkoll jevadu t-taxxa.

Ma' dan tajjeb inżidu li diversi gvernijiet fl-Ewropa qed jadottaw politika ta' tnaqqis fit-taxxa ta' dħul, li tiffavorixxi lil minn hu komdu fis-soċjetá, filwaqt li qed tinżamm l-isfel il-paga minima nazzjonali.Il-Gvern Malti wkoll attwa din it-tip ta' politika.

F'Malta l-ammont dovut mit-taxxa diretta 2013 kien jlaħħaq €1.2 biljun, filwaqt li dawk ndiretti kien jlaħħaq €930 miljun. Minn naħa l-oħra l-miżura ta' tnaqqis fit-taxxa li adotta l-gvern Malti ġiet tiswa l-pajjiż telf ta' €50 miljun fis-sena.

Infatti l-Gvern biex jagħmel tajjeb għal dan daħħal miżura li mhiex sostenibbli xejn mil-lat finanzjarju ta' bejgħ ta' cittadinanza. Bir-riskju li jekk id-dħul minn dan jonqos, il-Gvern ma jkunx f'qagħda li jkompli jiffinanza numru ta' servizzi pubbliċi.

Fuq livell Ewropew, il-kriżi ekonomika u l-politika ta' awsteritá wkoll qed taffettwa l-Ewropa f'dik li hi produzzjoni u konsum, u anke lill-baġit Ewropew. Infatti l-Kummissjoni Ewropea kellha tieħu miżuri ta' tnaqqis flammont eleġibbli għal fond socjali Ewropej għax flus ma kienx hemm biżżejjed. Dan kompla jgħarraq is-sitwazzjoni ta' dawk foqra fl-Ewropa.

Wieħed jistaqsi imma kif se nkomplu niffinanzjaw is-servizz tas-saħħa, l-edukazzjoni, servizzi pubbliċi u l-benefiċċji soċjali fl-Ewropa? X'inhi soluzzjoni?

Waħda mis-soluzzjonijiet li qiegħda kontinwament tiġi diskussa fl-Ewropa hi li tiddaħħal taxxa fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji (FTT). Il-Gvern Malti din għandu jappoġġja. Ma' dan, il-Kummissjoni wkoll qed tfassal pjan biex tiġi miġġielda l-evażjoni ta' taxxa fl-Ewropa.

Żgur li soluzzjoni m'għandiex tkun ta' aktar tnaqqis fit-taxxa fuq minn għandu kapital għoli, jew li nsiru aktar kompetittivi billi nżarmaw il-kundizzjonijiet taxxogħol fl-Ewropa, jew li nibdew inżarmaw mir-regoli ambjentali u tas-saħħa.

Għalhekk qed tinħass il-ħtieġa ta' front xellugi b'saħħtu fl-Ewropa sabiex l-għajta għall-Ewropa oħra, twassal għall-Ewropa Soċjali u Ekoloġika u mhux neoliberali.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen taxxellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

*Din ir-rivista hija waħda millħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155*

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com*

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Labour Government on the Neoliberal Road

***Victor Degiovanni***

The new centre-left Government has already part-privatised energy production. The labour government is applying the same neoliberal policies implemented by the previous right wing government. This type of policies goes against public interest.

*The capitalist class is not there to safeguard public interest, but on the contrary is there to maximise profits. Energy poverty across Europe is also on the increase because of neoliberal policies.*

In Malta, the privatisation of gas resulted in higher gas prices for domestic use; equivalent to €17 for each gas cylinder, an increase of €11.

The increase in price of gas was very detrimental to the standard of living of the class of people for whom gas is an essential commodity. Also, wages in Malta are comperatively low. Malta's national monthly minimum wage is €675.

With regards to the minimum wage, The Communist Party of Malta issued a statement saying that families on a minimum wage income are living in relative poverty and that they are finding it difficult to even pay for the basic necessaties, such as energy, gas, and other essential items.




The Party insists that the government should halt this march towards neo liberalism. The production and distribution of energy should remain under public control, due to its strategic, social and economic importance.

Strategically, government's plan to shift energy production from heavy fuel oil to gas is a welcome decision, but this should not be done under a privatisation system. How come that the only alternative or solution for a centre-left government is that of privatisation?

The Communist Party of Malta states that energy is an essential commodity and thus should not be left in the hands of the openmarket forces.

Studies on poverty and social exclusion show that privatisation of essential commodities resulted in higher prices, more social inequalities and an increase in poverty.

On renewables, the Party is against subsidy schemes for the production of renewable energy that benefit the rich and private entities. On the other hand we insists that investment in renewable energy should be more on a national basis, state owned, so to benefit all.

With regards to hedging, the Communist Party of Malta is of the opinion that this mechanism should not be suspended. The political strategy implemented recently by the government to take over the operation of Enemalta Petrolium Division was a good policy as this will make it easier for any future government to safeguard affordability, and sovereignity of this commodity.

We also insists that any solution to the energy problem should steer away from privatisation, protects energy sovereignity, and affordability.

*We invite you to join The Communist Party of Malta as a member - communistpartymalta@yahoo.com*

# "Il-Kunflitt reali fid-Dinja huwa dak bejn l-Oppressur u Min Joppressa" - Salim Nazzal

*Żminijietna tintervista lil Dr Salim Nazzal, Storiku u kittieb (ritratt fin-nofs flimkien ma' Profs Peter Mayo u l-Ġurnalista Ramona Wadi), fejn llum qed jgħix in-Norveġja. Dr Salim Nazzal kien f'Malta riċentament biex ħa sehem f'Konferenza organizzata mil-Organizazzjoni Ġnien tal-Għerf u Arcis University of Chile, ġewwa l-Kavallier ta' San Ġabku, fil-Belt Valletta.*

***Minn hu Dr Salim Nazzal?***

"Jien Professur u ngħallem fl-Università ġewwa Norveġja u kittieb. Nikteb f'diversi lingwi fosthom Norveġiż, Ingliż u Għarbi. Il-kitba tiegħi tiffoka l-aktar fuq il-Lvant Nofsani u tiġi pubblikata f'diversi midja, fosthom midja xellugija, gażżetti etċ. Nħobb nanalizza l-politika f'dan ir-reġjun tad-Dinja. Fir-riċerka tiegħi nuża ħafna l-antropoloġija, għax il-kultura popolari fiha nnifisha tikkreja l-ħsieb, kemm għal dak li hu progress u rigress tas-soċjetà. Tajjeb nifhmu li hemm ċertu elementi fil-kultura li huma reazzjonarji; mhux kullma jemmnu n-nies huwa progressiv".

Dan l-aħħar anke bdejt nikteb il-letteratura, fejn din għenitni nesprimi l-idejat tiegħi aħjar. Anke ipparteċipajt fi djalogu kulturali bejn nies ta' etniċità u kulturi differenti f'diversi pajjiżi. Kif jgħid Marx "il-kunflitt reali fid-dinja huwa dak bejn 'l-oppressur u min joppressa". Mil-banda l-oħra l-midja *mainstream* mhiex qed tgħin biex toħroġ din il-verita. F'dinja globalizzata, kull persuna qed tippruva tfittex ħajja aħjar. Qed ngħixu f'mument kritiku fid-dinja fejn qed tinxtired ħafna l-kultura ta' mibgħeda, kontra gruppi etniċi, ta' minoranza, immigranti, etċ.

***Kif Palestinjan spiċċa jgħix in-Norveġja?***

Fil-veru sens tal-kelma, qatt ma għext il-Palestina. Ġej minn familja li kienet tgħix fil-Galilea, il-Palestina, fejn imbagħad fittxet eżilju fil-Lebanon. Allura jien twelidt barra minn art twelidi. Fir-realtà qatt ma kelli ċans nara l-Palestina, id-darba li pruvajt immur il-Palestina, spiċċajt arrestat mil-militar Iżraelit. Għext żgħożiti flimkien mal-familja ġewwa Lebanon u llum qed ngħix f'Oslo, in-Norveġja. Fin-Norveġja kelli ċans nistudja. Kelli wkoll l-opportunità naħdem fil-qrib mal-partit Komunista u dak Soċjalista fuq diversi kampanji ta' solidarjetà mal-poplu Palestinjan. Tajjeb ngħidu li Norveġja u l-Irlanda huma ġiex pajjiżi fl-Ewropa li kienu minn ta' quddiem f'dik li hi solidarjetà mal-Palestina, u din ma ġietx b'kumbinazzjoni, imma bix-xogħol ta' ħafna nies u movimenti li qajjmu kuxjenza fil-pajjiż. Llum bil-qawmien ta' l-*'alternative media'* li mhiex ikkontrollatha mil-klassi kapitalista; u tisħih tal-movimenti soċjali qed naraw aktar kuxjenza favur il-kawża Palestinjana. Kif ukoll li l-Ewropa hija ħafna aktar viċin il-Lvant Nofsani.



***Fundamentaliżmu Iżlamiku….. Xi tgħid fuq dan?***

Żgur li qed tqum il-problema tal-fundamentaliżmu Iżlamiku, fejn qed jagħmel ħsara għall-kawża Palestinjana. Minn banda l-oħra nemmen "li mingħajr l-Istat ta' Iżrael qatt ma jista' jkollok Fundamentaliżmu". Qabel l-ħolqien ta' l-Istat ta' Iżrael kien hemm ftit sens ta' demokrazija fil-Lvant Nofsani. Dan l-avveniment fl-istorja wassal biex ir-reġjun jinbidel f'wieħed fejn teżisti l-biża fil-moħħ ta' l-individwu ta' invażjoni militari f'xi ġurnata jew ieħor mil-Istat ta' Iżrael.

Bil-waqfien tal-Istat ta' Iżrael, ir-reġjun sar miżgħud bil-kunflitti u nfieq fl-armamenti. Meta għandek kunflitt, qatt ma jista jkollok demokrazija; f'atmosfera ta' biża din tiddgħajjef. Mill-1948 sa llum kellna tnax il-kunflitt fil-Lvant Nofsani, wieħed kull ħames snin. Dan wassal għal umiljazzjoni tal-poplu Palestinjan mil-Iżrael, bl-appoġġ ta' pajjiżi tal-punent; bil-punent jitkellem fuq ġiex fronti; wieħed favur id-drittijiet umani u fl-istess waqt jappoġġja stati jew pajjiżi li jagħmlu bil-kontra. Din il-politika ta' *'żewġ ucuh' jew 'double moral of the west'*, ħoloqt reazzjoni.

Tajjeb nsemmu li fl-1955, David Ben-Gurion (l-ewwel Prim Ministru ta' Iżrael) kien qal li hemm bżonn li naqsmu s-Sirja, il-Palestina, Lebanon, l-Iraq, u l-Eġittu fi gruppijiet etniċi ħalli dawn joqgħodu jiġġieldu bejniethom. Llum filfatt dak li qed jsir. F'din l-atmosfera, in-nies progressivi u dawk sekulari qed jiddgħajjfu, minħabba li qed jispiċċaw jiġu attakkati minn ħafna fronti; fosthom l-Istati Uniti; il-fundamentalisti Iżlamiċi; u reġimi Għarab fosthom Sawdi Arabja, Qatar etċ.

***Tkellimt ħafna fil-kitbiet tiegħek li l-Istat ta' Iżrael kiser ħafna mir-riżoluzzjonijiet tal- Ġnus Magħquda. Tista' telabora fuq dan u għala l-ebda azzjoni mhu qed tittieħed mil-istess Ġnus Magħquda?***

Il-Ġnus Magħquda hija riflessjoni ta' min jikkmanda. Fl-1947, meta tressqet riżoluzzjoni biex jippruvaw jaqsmu l-Palestina, l-Istat Amerikan kien anke hedded pajjiż minn l-Amerika Latina meta dan kien se jivvota kontra din ir-riżoluzzjoni. Dawn riedu jagħtu 55% ta' l-art lill-poplu li llum nafuh bħala Iżrael. Il-Palestina ma qablitx u bir-raġun. Kieku dawn ġew il-Palestina bħala immigranti, aħna konna nilqgħuhom, għax aħna pajjiż sagru, fejn matul is-snin ilqajna ħafna immigranti, anke Maltin. Il-problema hi waħda tal-imperjaliżmu, għax qed tiġi bħala invażur. Jekk toqtolni m'inthiex aktar stmat bħala refuġjat. Il-kultura Iżraelita hija bbażata fuq li aħna l-aktar b'saħħitna, fejn kien Alla li tagħna din l-art. Din il-mentalità qed twassal għal aktar kunflitti; irridu bħala umanità niffaċċjaw ir-realtà.

Kompla jgħid li qatt ma' tista' tibni l-istrateġija tiegħek billi toppressa popli oħra; tista' tagħmilha imma tistenniex paċi, jew stabilità. Il-gwerra twassal għall-injoranza, faqar, u fanatiżmu. Is-soluzzjoni għal kawża Palestinjana għandha tkun ta' *"One State solution"* – fejn il-gruppijiet etniċi kollha jkunu rispettati taħt il-ligi. Inkella ma narax futur għal Lvant Nofsani; paċi mingħajr ġustizzja ma tistax taħdem.

***Fil-kitba tiegħek kont għedt li l-Ewropa għandha tikklassifika l-armata Iżraelita fil-lista ta' terroristi. Għala ktibt dan?***

Wara 65 sena ta' invażjoni, diffiċli li jsir progress. Min x'imkien irridu nibdew. Fl-1994 ippublikajt ktieb li jitratta riċerka ma' grupp ta' Palestinjani li fil-ħajja tagħhom kellhom l-okkażjoni jaħdmu fil-qrib ma' persuni ta' oriġini Ġudajka 'Jewish'. L-ewwel mistoqsija li saqsejthom kienet xi tfisser għalik *'Jew'*. Fil-maġġor parti qalu li *'Jew'* huma nies tajba, onesti, li jgħixu fil-viċinanzi tagħna; huma nies bħalna. Issa meta tagħmel l-istess mistoqsija lil ġenerazzjoni ta' llum issib li dawn jaħsbuha differenti; jgħidulek li dawk Żjonisti, jittorturaw etċ.

Infatti, meta riċenti kont f'Konferenza fejn tlabt ħabib - persuna żgħażugħa Palestinjana biex jagħmel ħbieb ma' nies mil-*Jewish Organisation* li taħdem kontra Żjoniżmu, dan immedjatament qalli Le; qalli dawk huma nies li lilna ittorturawna; anke jekk mhux huma, imma huma ta' l-istess niesel.

Is-sitwazzjoni kif inhi llum se tkompli twassal għal aktar kunflitti, miżerja u nies jitilqu mil-pajjiż. L-istess qed jiġri fis-Sirja, fejn l-Iżrael hi l-moħħ wara dan il-kunflitt.

***Dan l-aħħar diversi pajjiżi fl-Ewropa qed jirrikonoxxu l-Palestina bħala Stat. Kif tħares lejha din l-azzjoni?***

Infatti apprezzajt dan il-ġest u ktibt fuqu. Fl-aħħar laqgħa li kelli fi Stokkolma ma diversi Membri Parlamentari Ewropej tkellimna fuq dan. Għalija, meta pajjiż jirrikonoxxi l-Palestina bħala Stat dak huwa ħafna aktar b'saħħtu milli meta tirrikonoxxi l-Gvern, għax dak jiġi u jmur. Dan il-ġest jistimulak biex tkompli taħdem. Il-problema hi, li l-azzjonijiet li qed jittieħdu minn diversi pajjiżi Ewropej huma fil-maġġor parti kontra min jkun oppressat u mhux kontra l-oppressur. Eż ta' dan huwa dak li qed jiġri ġewwa l-Ukraina, fejn it-terroristi ta' Kiev qed jitħallew fil-libertà li jagħmlu li jridu, joqtlu,

***ikompli f'paġna 5***

*tibda minn paġna 4*

jkissru, filwaqt li l-oħrajn li qed jiddefendu ruħhom qed jiffaċċjaw aktar sanzjonijiet.

***Riċenti ktibt dwar grupp ta' 300 Palestinjan li kienu qed jaħarbu mil-Palestina fuq dinghi fejn dawn sabu ruħhom f'diffikulta wara li dinghi li kienu qegħdin fuqu beda jimtela' bl-ilma wara li ġew sparati numru ta' tiri fuqu minn bastiment Libjan. Fl-artiklu ikkundannajt wkoll il-forzi ta' salvataġġ fl-Ewropa, fosthom l-Italja u Malta talli dawn damu biex ħadu azzjoni. Tista telabora aktar fuq dan?***

Fl-aħħar mil-aħħar hija l-Ewropa li qed tgħin lill-Iżrael. Jien fl-artiklu pruvajt niffoka fuq dik li hi r-realtà. B'dan l-artiklu jien ridt nwassal messaġġ, li hemm bżonn nindirizzaw il-problema reali li hija s-sors wara dan l-avveniment xejn sabiħ fejn numru ta' Palestinjani tilfu ħajjithom meta kienu qed jippruvaw jfittxu refuġju. L-Ewropa hi responsabbli ta' dak li qed jiġri fil-Palestina; aħna ma għamilna xejn lill-poplu Lhudi, ma kellniex x'naqsmu mal-Ġermanja Nażista; missirijietna lanqas jafu dwar Hitler, imma kellhom iħallsu prezz.

Gaża x'inhi! 90 tal-poplu ta' Gaża huma refuġjati. Dan huwa riżultat ta' din il-politika. Kollox huwa marbut flimkien. Ma nistax nippretendu li aħna fl-Ewropa m'għandniex x'naqsmu ma' dak li qed jiġri. Ma tistax tippretendi li l-poplu Palestinjan li ta' kuljum qed jiġi umiljat, għal 70 sena sħaħ, illum jgħix bla biża; meta ghandek 500 bomba atomika viċin tiegħek u xejn ma jsir fuq dan, kif tista' tħossok sigur. Tajjeb nżommu f'moħħna li meta l-Iran riedet tibni reattur nukleari biex tipproduċi l-enerġija tagħha, riedu jibbumbardjawa u anke mponew fuqha numru ta' sanzjonijiet; għala fuq Iżrael le!. Irridu nieqfu ngħixu f'din l-ipokrezija u nibdew niffaċċjaw dik li hi realtà.

***Fl-artikli tiegħek titkellem ħafna fuq l-imperjaliżmu. Uħud fuq ix-xellug jgħidu li l-imperjaliżmu spiċċa. X'inhi l-opinjoni tiegħek?***

Dan qisek għandek persuna li biddel il-kulur tal-libsa, imma xorta baqa' jisraq; din hija l-istess ħaġa. Ma jinteressanix kif l-imperjaliżmu biddel l-istrateġija tiegħu, imma xorta baqa l-istess. Il-mentalità tal-kumpaniji multinazzjonali u banek kbar, u kif jħarsu lejn ħaddiehor, b'lenti ta' preġudizzju huma parti minn din l-istrateġija. Ma tistax tħares lejn ħaddiehor b'dan il-mod; min fuq għal isfel u toppressah biex takkwista dak li trid.

***Kif tħares lejn il-kwistjoni tal-Palestina llum? Jeżisti moviment progressiv fil-Palestina? Kif ukoll, inti kont għedt li l-kawża Palestinjana hi waħda ta' ġlieda kontinwa għall-ħelsien tal-poplu Palestinjan u l-Paċi; x'ridt tfisser b'dan?***

Meta għandek ħelsien u ġustizzja, inti se jkollok il-paċi. Meta se jkollok id-drittijiet ssalvagwardjati, inti mhux se jkollok mibgħeda. Iva, jeżisti moviment progressiv, fejn dan qed jappella għal Unità tal-poplu Palestinjan. Meta jkun hemm moviment progressiv u xellugi b'saħħtu dana jista' jkun il-katalist bejn il-fazzjonijiet tal-Fatah u l-Ħamas.

Għal dak li hu futur, is-sitwazzjoni se tisplodi għax in-nies qed titlef kull tama, u dan huwa element ħaj fil-ħajja ta' kull persuna. Kompla jgħid, 25 sena ta' negozjar, fejn wasal il-poplu Palestinjan. In-nuqqas ta' tama taf twassal għal Anti-fada oħra; zgur li se jiġri xi ħaġa. Is-sitwazzjoni fil-Palestina llum hi ħażina ħafna, fejn l-Iżrael bħas-soltu mhu qed jirrispetta l-ebda riżoluzzjoni. S'intendi ma nafux eżatt se jkun ir-riżultat ta' dana kollu. Sa llum ħlief okkupazzjoni ma rawx il-poplu Palestinjan; m'għandeks aċċess għas-saħħa; lanqas titħalla tmur minn post għal ieħor ġewwa l-istess Palestina. Jien għalkemm ngħix in-Norveġja, kontinwament nigi mmoniterjat, anke t-telefon tiegħi. Għidli inti kif tista' tgħix ħajja normali. Il-Palestinjani ma jridux gwerer.

***Riċentament fl-Ewropa fakkarna l-Holocaust fejn 6 Miljun Lhudi spiċċaw maqtula. L-Ambaxxatur Iżraelit fi żjara tiegħu f'Malta ddefenda l-kwistjoni tal-Palestina billi qal li dak li qed jiġri llum il-Palestina m'għandux x'jaqsam ma' dak li ġara fil-Ġermanja Nażista. X'taħseb fuq dan?***

Qatt smajt xi ħadd li qed jokkupa, jgħid li qed joppressa n-nies; x'tistennew li se jgħid l-Ambaxxatur. Jien bħala Palestinjan u persuna umana, kontra l-qtil ta' nies oħra; kontra l-Holocaust; nemmen li kullħadd għandu dritt li jgħix; fuq din ma hemmx diskussjoni. Imma jekk xi ħaġa qed tiġri, int trid tiġġustifika.

Aħna m'għandniex x'naqsmu ma dak li ġara fil-Holocaust; dak ġara f'perjodu differenti; b'ċertu popolazzjoni ta' nies u f'regjun differenti tad-dinja. Għidli inti, jekk hemmx konnessjoni ma' dak li ġara!. David Ben-Gurion wkoll kien qal li l-Istat ta' Iżreal għandu jkun il-Ġermanja. Nistaqsi, għala l-poplu Palestinjan għadu jiġi bbumbardjat u ippersegwitat!.

***Inti kif tiddefenixxi lilek innifsek?***

Jien nqies ruħi bħala xellugi. Jien Soċjalista; nivvota il-partit xellugi (SV) ġewwa Norveġja, u anke attiv f'dan il-partit. Il-problema llum fin-Norveġja hi li għandna gvern lemini. Nemmen li jien għandi l-obbligu morali li ngħin lil dawk inqas privileġġjati fis-soċjetà. Nemmen li ma tistax tibqa' sieket.

# Facilitating Life for Persons with Disability.

*Mary Anne Zammit*

A better life for people with disability is one of the major reforms which is being planned by the local Government to ensure that persons with disability will have more access to society. Amongst the proposed plans is that of setting up more residential homes for persons with disability which will offer peace of mind to parents of disabled persons. The other aspects which need to be incorporated are accessibility to employment and to all the services which are normally applicable to persons with no disability.

Conferring to the report issued by ***Eurostat*** today, less than 1 and 2 of disabled adults were engaged in employment in the EU 28. As a result these individuals were put at the risk of poverty and social exclusion. In 2013, around 32.7% of persons with disabilities in Malta were considered to be at risk of poverty, when compared with persons with no disability. However, it was also noted that in the year 2011 the employment rates for persons with disabilities stood at 34.4%.

It is therefore conceived that about 44 million people aged between, 5 to 64 in the European Union have reported a disability which often prevents them from taking part in society and in the labor market. In fact, there is a noticeable gap in social inclusion between non disabled and disabled persons. Perhaps, one of the main causes is the lack of equal accessibility to buildings and facilities which enable mobility. These are the key factors in combating the major obstacles being faced by disabled persons.



One also has to note, that there are other hidden realities which often contribute to social exclusion and this particularly refers to victimization of persons with disabilities. Of important interest is the fact that persons with disabilities are from 4 to 10 times more likely to end up victims of violence abuse and neglect. This is often a crude reality afflicting children and women with disabilities who are twice more likely to be physically or sexually abused.

Abuse against persons with disability can take many forms and the most commonly reported are those which are related to neglect, physical, emotional, financial and sexual abuse. It is also, not uncommon for the perpetrator to be someone whom the victim knows very well and even trusts. The abusers may be their spouses, family members, friends, caretakers, someone working for the person, staff in residential care settings and strangers.

There are many factors which render disabled persons more vulnerable to being abused, the major problems being the lack of employment and financial resources. These two situations constrain persons with disabilities to settle in areas and environment where crime rates may be more prevalent and with high risk of abuse. Additionally, the lack of finances limits their choices for caregivers and makes it more difficult to leave abusive relationships.

Another situation demanding our concern is that persons with disabilities who are experiencing some form of abuse seldom report their situation. One of the principal reasons may be that victims often feel unworthy and fear that if they report their perpetrator, they will be then sent to institutions. Most often, in these situations, persons with disabilities feel that they are to blame for the abuse or due to the fact that they are entirely dependent on their caregiver, spouse or relatives for their complete survival.

These are situations which demand immediate attention and should be considered in all plans for persons with disabilities. In actual truths, most of the community resources are usually designed in assisting persons without disabilities. One still comes across situations of Health Care professionals and Law Enforcement professionals with no specialized knowledge or skills on how to identify these individual s' hidden problems. On many occasions, persons with disabilities may have difficulties in expressing themselves and their distress and therefore do not come forward. To address these circumstances, there is the urgent need for evaluating the establishments which need to be accessible for victims and with more collaboration with organizations that assist persons with disabilities. These measures will empower persons with disabilities to express themselves with more access to services and more quality of life.

# IL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI L-ĠDIDA

***John Zammit***
***Alleanza Liberali***
***johnpzammit@gmail.com***

Il-kelmtejn tiegħi llum jitrattaw il-Kamra tar-Rappreżentanti l-ġdida jew kif inhu aktar magħruf il-bini tal-Parlament il-ġdid. Bini li nbena b'ħafna kontroversja.

Mil-kritika li nħolqot dwar il-famuż proġett ta' l-arkitett Renzo Piano, stajna naraw li kien hemm minn qabel u oħrajn li ma qablux.

Imma issa wara din il-kontroversja kollha, il-bini tal-parlament wasal fl-aħħar u allura l-membri Parlamentari ta' din il-leġislatura li bdiet sentejn ilu waslu biex jieħdu posthom f'dan il-bini.

Nagħmilha ċara, li jien kont kritiku wkoll dwar dan il-proġett. Infatti lanqas biss attendejt meta l-arkitett Renzo Piano ta' spjegazzjoni pubblika dwar dan il-proġett fi triq ir-Repubblika, u lanqas ma mort nara l-esebizzjoni tal-mudell tal-proġett li saret fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arkeoloġija.

Il-kritika tiegħi fuq il-proġett kienet dwar id-daħla tal-Belt Valletta, il-famuż bieb, fejn ftit li xejn itik x'tifhem li dieħel ġo Belt imdawwra bis-swar, għalkemm qed tgħaddi minn fuq pont u minn fuq diċċ (ditch) li juru li hi Belt antika.

Kelli wkoll kritika għal kif inbena l-Parlament fejn nemmen li setgħa nbena b'inqas ħela ta' spazju.

Minn naħa l-oħra naqbel u nagħmel enfasi kbira dwar kif tfasslu l-bankijiet, fejn dawn saru forma ta' nofs ċirku, l-istess kif inhu magħmul il-Parlament Ewropew u parlamenti oħra f'numru kbir ta' pajjizi, minbarra *House of Commons* tar-Renju Unit u oħrajn, fosthom kif kien il-Parlament llum 'antik' Malti.



Bħala partit nixtieq nirringrazzja lil ex-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi li meta kont kellimtu u anke kkorrispondejt miegħu dwar kif għandha ssir is-sala tal-Kamra tar-Rappreżentanti u ssuġġerejtlu biex issir forma ta' nofs ċirku kien qabel miegħi u wegħdni li hekk se ssir.

Għalkemm kelli tħassib tiegħi mal-bidla fil-Gvern li setgħa jsiru xi tibdiliet fuq il-parlament il-ġdid, speċjalment il-bankijiet, dan ma sarx. Ifisser li sistema ta' nofs ċirku baqgħet.

Issa tgħidu intom għaliex qed jagħmel daqshekk enfasi fuq dan in-nofs ċirku minn affarijiet oħrajn dwar dan il-bini?!

Jien li midħla tal-Parlament Ewropew, fejn issa ilhi mmur Brussell mis-sena 2000, skoprejt li l-għamla qiegħda hekk biex tirrappreżenta diversi gruppi. Fl-Ewropa preżentament hemm tmien gruppi politiċi.

B'hekk kont qed nittama u nibqa' nittama li l-Parlament Malti għad jerġa' jiġi wkoll msawwar bi gruppi politiċi differenti bħal dak tal-Parlament Ewropew, fejn anke nittama li l-Alleanza Liberali wkoll ikollha rappreżentanza.

Nibqa' nenfasizza li bħalma fis-snin sittin Malta kellna numru ta' Partiti Politiċi rappreżentati fil-Parlament Malti, hekk għandu jkollha llum, u mhux nibqgħu biss bil-Partit Laburista u l-Partit Nazzjonalista (li għalija din ma hija demokrazija xejn).

Għalhekk nawgura lill-Parlamentari Maltin tal-preżent li jgawdu dan il-bini ġdid u jkunu aktar effiċjenti fix-xogħol leġislattiv tagħhom, biex l-ewwelnett iservu ta' aktar ġid għall-Malta u Għawdex u wkoll biex dawk il-miljuni ta' Ewro li ntefqu ma jkunux flus moħlija u jkunu utli skont il-bżonnijiet tal-pajjiż.

Biex nagħlaq nixtieq ngħid li ma' naqbilx ma' l-proposta li hemm li ssir rilokazzjoni tal-Monti għal Triq Ordinand, fejn se jispiċċa jkollna monti bejn il-bini tal-Parlament u Teatru Rjal.

Jekk se jsir hekk allura għandu jitqiegħed fiż-żona li tħares iktar lejn naħa ta' Ġnien Hastings.

*Bħala Partit qed nissuġġerixxu li l-monument tas-7 ta' Ġunju jitniżżel fil-viċinanzi tal-Parlament u t-teatru Rjal.*

# Demokrazija Industrijali Sħiħa

Il-ħaddiema Maltin għad ma laħqux livell ta' maturità fejn minkejja xi diverġenzi ta bejniethom f'oqsma oħra tal-ħajja, jissieħbu b'solidarjetà f'għaqda sħiħa nazzjonali ma' sħabhom fil-kamp tax-xogħol, biex bis-saħħa ta' xulxin iħarsu d-drittijiet u l-interessi tagħhom ilkoll.

Jidher li ma ntlaħaqx l-iskop tal-inizjattiva mil-Presidenza tar-Repubblika biex jkun iffurmat l-Forum Nazzjonali tat-Trejdunjins. Irrispettivament mil-opinjoni tal-ħaddiema, jidher ukoll li mhux il-unjins kollha apprezzaw ir-rieda tajba tal-gvern li jilleġisla drittijiet ġodda lil eluf ta' ħaddiema li qatt ma kellhom dawn id-drittijiet, li huma l-pulizija, taqsima ta' tifi tan-nar etc.

Il-maġġoranza tal-imsieħba tal-unjins żgur li kienu entużjasti bl-inizjattiva tal-istat. Ferħu wkoll bl-iżviluppi ta' dawn l-aħħar 18 -il xahar għall-formazzjoni tal-Forum Nazzjonali mill-President ta' Malta u għat-tisħiħ tas-solidarjetà bl-inklużjoni ta' eluf oħra ta' ħaddiema, li ngħataw id-dritt li jissieħbu f'unjin.

Ħasra li dak is-sodisfazzjon tal-ħaddiema sfaxxa bit-tilwim fil-qasam trejdunjonistiku, li wassal unjin tidħol il-qorti kontra unjin oħra, bil-kwistjoni tkun l-għarfien ta' Unjin fl-istess post tax-xogħol. Daqstant iċċajpar wara ftit xhur l-ottimiżmu.

Ma nidħolx fil-mertu ta' min mil-Unjins għandu raġun fl-Enemalta, fid-dipartiment tas-Saħħa, u fil-qasam bankarju. Imma se niffoka fuq il-każ l-iżjed riċenti u serju, ta' tilwim bejn il-UHM u l-GWU fil-Malta Freeport u fil-Malta Public Transport (MPT).

Fil-Freeport għandna tilwima fuq l-għarfien ta' Unjin. Il-maniġment jagħraf lil UHM. Pero l-GWU ilha trid l-għarfien għax qed tgħid li għandha provi li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema f'dik l-ażjenda. Jidher li UHM mhux qed taqbel u lanqas mhu qed taqbel li issir verifika ġusta tas-sħubija fost il-ħaddiema. Il-GWU minn naħa l-oħra kompliet tinsisti l-pożizzjoni tagħha u hedded b`azzjoni ndustrijali parzjali. Possibli, nistaqsi m'għandniex soluzzjoni aħjar li jsolvi dan it-tip ta' tilwim?

Minn naħa l-oħra fil-Malta Public Transport għandha l-għarfien tal-ħaddiema kollha li jaħdmu mal-kumpanija l-GWU. Imma l-UHM temmen li tirrappreżenta l-maġġoranza tax-xufiera, u trid li tkun hi li tinnegozja għal dawn il-ħaddiema, bi ftehim kollettiv separat. Infatti l-UHM fetħet kawża biex ma jitkomplewx in-negozjati mal-GWU, u biex isir ftehim separat għax-xufiera biss.

Il-qorti, fis-sentenza tagħha ma approvatx la l-firda tax-xufiera mil-ħaddiema l-oħra, u lanqas li timblokka n-negozjati li għaddejjin bejn il-maniġment u l-unjin li tirrappreżenta l-maġġoranza tal-impjegati kollha mal-kumpanija. S'intendi dana sakemm ma jkunx hemm konferma li l-maġġoranza tal-ħaddiema fil-kumpanija m'għadhomx imsieħba mal-Unjin li hemm stabilità llum.

Dana jfisser li ġejna fl-ambigwità fejn Unjin jidher li njorat dawn iż-żewġ sentenzi tal-qorti, u b'reazzjoni ordnat strajk ta' sagħtejn tax-xufiera, li mil-midja ħareġ li rrikorrenza għal dan l-istrajk kien baxx ħafna. Żgur li ma jistgħux jitħallew dawn it-toqob, fejn qed tirrenja s-susa fid-demokrazija ndustrijali tagħna.

It-trejdunjoniżmu qed jitressaq lejn stat ta' anarkija, fejn bil-vavati ta' tilwim fost it-trejdjunjins, fejn unjins qed jisparpaljaw id-drittijiet tal-ħaddiema u t-tisħiħ tal-għaqda ma' min għandu ir-rikonoxximent. Sakemm fil-MIA, it-Trejdjunjins kienu qed jitlewmu bejniethom fuq rikonoxximent, il-maniġment daħħal b'mod faċli l-kunċett tal-'outsourcing' f'bosta dipartimenti tax-xogħol, bl-impjieg tal-ħaddiema llum jinsab mhedded.

Dan l-element anarkiku f'minoranza tat-tmexxija trejdunjonistika, qed ixekkel il-libertà tal-ħaddiema għas-sħubija f'unjin tal-għażla tagħhom, u qed joħnoqilhom id-dritt li jingħaqdu bl-akbar solidarjetà possibbli f'għaqda nazzjonali tat-trejdunjins. L-inizjattivi tal-presidenza u tal-gvern favur il-ħaddiema qed jiġu sabutaġġati minn dak l-element immatur fost l-istess ħaddiema.

F'dawn iċ-ċirkustanzi nistenna li l-gvern soċjal-demokratiku jixpruna l-inizjattivi progressivi trejdunjonistiċi tiegħu billi jassigura dawk id-drittijiet/libertajiet b`liġi, jew b`aġġornament tal-liġi eżistenti, li tiggarantixxi demokrazija ndustrijali sħiħa.

***Apert - Birkirkara.***

# Corporations should Bow to People, not People to Corporations.

***Sammy Camilleri***
***Ontario, Canada***

Many individuals and groups in North America have been opposing corporate rule in various ways. But how do we craft strategies that put us on the offensive to actually challenge corporate authority?

The first thing to keep in mind is that this enormous power of corporations is being protected and increased by the very Government we elect. So in effect we, through our elected representatives, are allowing the corporations to wield the power they now have to define our economy, define our cultures, define poverty, define progress, and even define our values.

This power, which also is being used to control elections, write laws, and buy newspapers and television networks, is illegitimate and unconstitutional.

But what Authority are Corporations making these fundamental decisions?

There is really no such Authority. They have usurped the Authority of a sovereign people. We, the people are supposed to be making these decisions; instead, we have created these corporations entities that now are deciding on the basis of private law, not public law, the nature of our society, the arrangements of work, and the priorities of investment.

In North America, and indeed in most other western countries, Governments until the late 19th and 20th Century controlled the creation and activities of business firms.

Corporations were granted charters for specific purposes, to build roads, say, or produce certain commodities. There were limits on corporate existence – no more than 10 to 15 years usually and there




were limits on how much capital they could control. Their internal Governance was precisely defined so that even small stockholders actually shared in corporate decision making, and governments reserved the right to amend, extend, or even revoke company's charters. In the 1800s, in the US, several large corporations in fact did have their charters revoked for failing to keep the public interest paramount in their operations.

They have become so large and invasive that they were preventing the democratic process from functioning, and the revocation of their charters reflected the 19th century view that business power had to be firmly controlled.

But in the early part of the 20th Century, the corporations used their power to change the laws, change public policy, so as to remove themselves from public accountability. With the backing of the federal courts, they created a whole new realm of private laws dealing with property rights, investments, and work.

The entire regulatory and legal structure that has been put in place during the 20th century is based on the assumption that the giant corporation would be and should be the defining institution of our society.

Let's look at Exxon, one of the largest Corporations in the World. This company has a criminal record, it pollutes the atmosphere. But if you and I were to venture on Exxon property to try to prevent it from doing harm, the police would arrest us. They would never arrest the executives of Exxon for polluting the Environment. Certainly, to the extent that people need oil and oil products, we would have to create and charter a company to meet those needs. But we would say to that company: "your job is to find oil refine it and get it to where it has to go. Your job is not to write environmental laws. Your job is not to write the labour laws. Your job is not to lobby the politicians. Your job is not to influence how we think. Your job is to get the oil for us. Period"

But the reality today is that Exxon is not subordinate in any way to the public interest. Like other large Corporations, it is doing a lot of harm at many levels, physically, to life and the planet, but also socially, culturally, and politically, through the sophisticated ways in which it uses its wealth and power to warp people's thinking, to manipulate elections, to influence law making and law enforcement, to block the transition to less polluting forms of energy.

We have to generate more discussion about property "rights". Property is a social construct, but the right-wing corporate ideologues have been adept at couching their claims to authority in the language of property rights and political liberty. A hundred years ago, they succeeded in having the courts declare that corporate decision making is private property; that corporations should be treated as same as persons; and that money is in effect a form of speech and therefore should also be free.

This is what people have been taught to believe ever since. But it has no real legitimacy. Corporations demonstrably are "not" persons. They are non-human entities and therefore should not be allowed to play any role in the democratic or political processes. To effectively challenge the power that corporations have amassed over the past century will admittedly be a long and arduous task.

But the longer we refrain from taking the first steps to reclaim our right to think and act like a sovereign, self governing people, the longer we'll continue to live under corporate rule.

# Do not Create Misfits.

***Josephine Gatt-Ciancio***
***Kalkara***

There are pleasant personalities, unpleasant personalities and damaged personalities. They all have a need to belong. Those personalities who are not accepted in benevolent groups most often join unscrupulous groups. Certain group leaders accept anyone in their group provided that they do what they are ordered to do. For instance we have seen group leaders demanding suicide from their followers and these are so indoctrinated that they comply.

Even in this day and age we meet with incompetent but highly influential leaders. We have seen Kings etc. who have no idea about the subject matter in question but who take the advice of the most eloquent of their advisers at the expense of less eloquent but more knowledgeable advisers with disastrous effects.

Whilst a doctor has to be qualified to serve, as is the case with most other professions, leaders are not subjected to pass a qualification test. Everybody should have the right to say what s/he likes but nobody should have the right to lead others to harm themselves or others. For instance obsessive compulsive neurotics and presumptuous people should be filtered out from leadership positions.

The social services should see that everybody is a member of a benevolent group. Maybe they should create benevolent groups for unpleasant and damaged personalities. Every benevolent group should try to instil a sense of purpose besides a feeling of belonging.

Also all the country should have a say in choosing a minister of a specific subject and then there will also be elections for ministers in the districts whose role would be to help citizens in a given district with their particular problems.

The United Nations does very little to reach the grass roots. First a problem escalates and then make shift measures are used to solve the problem, quite often with little effect. The U.N. should licence group leaders and only those who qualify would be able to function as social or religious leaders. Political parties should see that their candidates are also reliable leaders. Leaders who practice and are not licenced by the U.N. should be fined and in drastic circumstances even imprisoned. At first maybe few countries in the U.N. would sign to introduce such a system but in time every country would sign.

Also the U.N. should establish a universal education system. Faith schools of all religions should be outlawed. At primary level children should learn citizenship and no religious teaching. At secondary level they should either go on with citizenship or learn comparative religion. At age 18 they can choose whether they go on with citizenship, comparative religion or study a particular religion.

It is very important to consider what we teach to young children as it is very difficult to change an attitude that a person learnt at a very young age. For instance, children who have parents who have different viewpoints learn to weigh information. Sometimes they think their mother is right and sometimes their father and so they grow up with a questioning attitude which is very important. Children with parents of similar ideas quite often grow up with fixed attitudes which are very hard to change. Children from a very young age should be exposed to different viewpoints.

Let's hope that the U.N. starts working at the grass roots level to produce a globalised world by introducing an international language a universal educational system etc. Also the U.N. should see that private armament factories should be abolished, armaments should be produced by governments or better still by the U.N. and they should not be run for profit. When the armament workers will not have orders for the manufacture of armaments they should be allowed to produce some other commodity from which they can make a profit. Also no military commander or other high ranking army official should be allowed to become president or prime minister.

Also it would be a criminal act to produce clandestine weapons. Such an act should be punished by life imprisonment. The armies should be employed in other work in peace time, maybe acting as police officers and the generals should be given important positions such as a high ranking positions in the police force so that they would feel fulfilled and useful and so would not yearn for combat duties.

Let's hope that the U.N starts working at the grassroots level and not wait for trouble to escalate amongst different groups to do something.

# IL-KIBXA TAL-QRATI

**MARK MONTEBELLO**

Jaħasra, nibqa' niltaqa' ma' nies li jgergru għaliex mhumiex qegħdin jieħdu ġustizzja mill-qrati! Igergru li dan u dak gidbu taħt ġurament! Li dan l-avukat jew l-ieħor ġab il-boċċa qrib il-likk kif ried u kif għoġbu! Li l-pulizija gerfxu kemm felħu!

Jaħasra, mitqlu deheb jiswa l-għajdut tal-Malti li jgħid: 'Tidħolx il-qorti jekk għandek raġun!' Tabilħaqq. Mhux għax il-maġistrati u l-imħallfin ibażwru kif ifettlilhom. Mhux għax l-avukati jagħmlu biss għal bwiethom. Mhux għax il-pulizija għandhom moħħhom ħafif. Mhux għax in-nies qarrieqa. Mhux għal dawn ir-raġunijiet, ukoll jekk xi kultant ikunu minnhom, jiddiżappuntaw il-qrati. Il-qrati jiddiżappuntaw għaliex il-biċċa l-kbira tan-nies jibqgħu jippretendu li jiksbu mingħandhom dak li l-qrati ma jistgħux jagħtu.

Ifhem dan u daħħlu f'moħħok darba għal dejjem: il-proċess ġudizzjarju tal-qrati m'għandu xejn x'jaqsam ma' ġustizzja; m'għandu xejn x'jaqsam mal-verità; m'għandu xejn x'jaqsam ma' min għandu raġun. Il-proċess ġudizzjarju tal-qrati għandu x'jaqsam biss mal-liġi. Xejn aktar.

In-nies għandhom raġun jitfixklu. Mal-koxox ta' bieb il-qorti l-Belt hemm żewġ plakki. Waħda bl-Ingliż u l-oħra bil-Malti. Suppost huma traduzzjoni ta' xulxin. Imma mhuwiex hekk. Il-plakka bl-Ingliż tgħid: 'Courts of Law'. Mentri dik bil-Malti tgħid: 'Qrati tal-Ġustizzja'. Iż-żewġ plakki ma jgħidux l-istess ħaġa. Tal-Ingliż hi preċiża; tal-Malti le. In-nies jitħawdu għax jaħsbu li 'Law' tista' toqgħod għal 'Ġustizzja'. Iżda ma hu hekk xejn.

Ħa ngħidlek għala. Għax bosta drabi jiġri li l-liġi tgħid ħaġa u s-sens ġust jgħid oħra. Il-qrati mhumiex kostituzzjonalment obbligati li joqogħdu għall-ġustizzja. Iżda huma mija fil-mija obbligati li joqogħdu għal-liġi. Mill-ġustizzja jistgħu jvarjaw (anki jekk kontra qalbhom), iżda mil-liġi le. Mhux l-ewwel darba li maġistrat jew imħallef jgħid li jixtieq jagħti mod ta' sentenza li skont il-liġi mhijiex permessa, u għalhekk jagħmel dak li ma jridx. Dan, ngħidu aħna, jiġri meta sentenza ta' ħabs hi preskrittiva jew obbligatorja. Trid jew ma tridx, hijiex ġustizzja jew le, il-ġudikatura jkollha tobdi l-liġi mhux is-sens ġust. Għalxejn wieħed joqgħod jippilla li dan mhuwiex ġust. M'għandu x'jaqsam xejn. Għax, nerġa' ngħidlek, il-proċess ġudizzjarju tal-qrati m'għandu xejn x'jaqsam ma' ġustizzja, iżda biss mal-liġi.

Jiġri wkoll li l-prosekuzzjoni u d-difiża f'kawża ġudizzjarja jiftiehmu bejniethom fuq versjoni tal-fatti li ma tkun minnha xejn. Din rajtha tiġri kemm-il darba. Il-ġudikatura tkun taf b'dan, iżda għall-finijiet tal-liġi ma tqis li ma jkun qed jiġri xejn illegali jew illeċitu. Sakemm jaqblu bejniethom il-prosekuzzjoni u d-difiża fuq versjoni tal-fatti, anki jekk tkun gidba, il-liġi hi sodisfatta, u l-qorti wkoll. L-istess f'każijiet bħal dawn, għalxejn wieħed jippilla li l-versjoni tal-fatti mhijiex vera. Għal darba oħra ngħidlek: il-proċess ġudizzjarju tal-qrati m'għandu xejn x'jaqsam mal-verità, iżda biss mal-liġi.

Oħra. Kemm-il bniedem daħal il-qorti b'għajnu mimlija li għandu raġun imbagħad ma jeħdux. Eluf. Dak li jinteressa l-qrati mhuwiex min għandu raġun, imma wieħed għandux provi biżżejjed (u provi legalment ammessibbli) biex jipprova li għandu raġun. Jekk le, allura wieħed m'għandu raġun xejn. Bil-kontra, jekk wieħed m'għandu ebda raġun f'xi kwestjoni, imma għandu l-provi xierqa biex jipprova l-kontra, il-qrati jrebbħu lilu l-kawża. Għax bħalma għedtlek fiż-żewġ każijiet ta' qabel: il-proċess ġudizzjarju tal-qrati m'għandu xejn x'jaqsam ma' min għandu raġun, iżda biss mal-liġi.

Din hi l-kibxa tal-qrati li l-biċċa l-kbira tan-nies jibqgħu ma jridux (jew ma jistgħux) jifhmu. Jippretendu li jiksbu ġustizzja mill-qrati; jippretendu li l-verità tittrijunfa; jippretendu li jirbaħ ir-raġun. Iżda jippretendu għalxejn. Għax il-qrati dawn ma tagħtihomx. Il-qrati jagħtu biss dak li tgħid il-liġi. Xejn anqas. Xejn aktar. Min irid ġustizzja, min irid il-verità, min irid ir-raġun, ma jersaqx lejn qrati. Għax hemm il-liġi biss tiswa. Fl-aħħar mill-aħħar, jgħoddu biss il-provi. Jekk provi m'hemmx, allura l-ġustizzja, il-verità u r-raġun joħorġu mit-tieqa. Jekk provi hemm, dawn jissejħu ġustizzja u verità u raġun.

Jaħasra, tgerger xejn għax ma ħadtx ġustizzja mill-qrati! Tgerger xejn li dan u dak gidbu taħt ġurament! Tgerger xejn li dan jew dak l-avukat ġab il-boċċa qrib il-likk kif ried u kif għoġbu! Tgerger xejn li l-pulizija gerfxu kemm felħu! Sakemm dan tippermettih il-liġi, il-qrati mhumiex se joqomsu. Il-qrati jitniffsu biss meta tinkiser il-liġi. Dan biss jinteressahom. Għal xejn aktar ma se jkollom weġgħat ta' kuxjenza.

Kemm nies ħatja ġew illiberati minħabba dan! Kemm nies innoċenti ntefgħu l-ħabs, weħlu multi u ġralhom agħar minħabba dan! Dan jiġri għax il-qrati jagħmlu xogħolhom sew. Jiġifieri jżommu strettament mal-liġi. Iħarsu l-liġi. Joqogħdu fuq li tgħidilhom il-liġi. Mill-bqija ma' jinteressahom xejn aktar.

Sewwa dan? Daż-żgur li mhux sewwa. Iżda s-sewwa u l-qrati ma jitħalltux flimkien. Naturalment, jistgħu l-qrati jroddu ġustizzja, joħorġu l-verità jew jagħtu r-raġun lil min jistħoqqlu. Dan jiġri ta' spiss ukoll, għall-grazzja tal-ħanin Alla. Iżda proprjament u strettament dan mhuwiex l-interess ewlieni tagħhom. Il-liġi biss hi l-interess ewlieni tagħhom. Għal dan jeżistu. Għal dan jgħixu. Għal dan jaħdmu.

Hu għalhekk li l-qrati huma parti mill-vjolenza tal-Istat, li tiegħu huma rota essenzjali fil-mekkaniżmu li għandu. Imma din hi storja oħra.

# Tkompli d-diskussjoni dwar il-Faqar f'Malta

***L-Adegwatezza ta' l-Iskemi ta' Benefiċċji mhux Kontributorji***

Il-kwistjoni ta' l-adegwatezza ta' l-iskemi ta' Benefiċċji mhux Kontributorji ġiet diskussa dan l-aħħar fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Fid-diskussjoni ħa sehem Leonid Mckay, Direttur tal-Caritas u l-persuna li flimkien mal-Anti Poverty Forum Malta analizza l-adegwatezza ta' l-iskemi tal-Benefiċċji mhux kontributorji. Id-diskussjoni ġiet organizzata mil-Alleanza Kontra l-Faqar, organizazzjoni li taħdem ħafna sabiex tqajjem kuxjenza kontra l-faqar, li l-faqar mhux perċezzjoni imma realtá.

Leonid McKay beda d-diskussjoni fejn enfasizza li l-kuntest politiku li qed naħdmu fih llum huwa wieħed fejn l-istrateġija nazzjonali hi waħda biex tiġi miġġielda d-dipendenza minn fuq il-benefiċċji soċjali, bil-mira li nies ma jibqgħux jiddependu minn fuq is-servizzi soċjali.

Żied jgħid li teżisti perċezzjoni hemm barra li n-nies li jieħdu l-benefiċċji soċjali ma jridux jaħdmu jew iridu biss jiddependu minn fuq l-Istat.

Leonid McKay saħaq li l-mistoqsija li għandha tqum hawn hi jekk il-benefiċċji soċjali humiex adegwati biżżejjed biex wieħed jgħix ħajja diċenti. Semma li hu flimkien ma' l-Anti-Poverty Forum Malta ħejjew studju biex jaraw kemm għandu jkun id-dħul biex persuna li tiddependi mill-benefiċċji soċjali 'mhux kontributorji' ma tkunx f'riskju ta' faqar. Leonid qal li l-qasam li ffukajna fuqu kien fuq l-assistenza soċjali.

*"Il-Filosofija ta' l-Anti-Poverty FOrum Malta hu li l-benefiċċji soċjali għandhom jkunu biżżejjed biex persuna tgħix ħajja diċenti".*

Żied jgħid wkoll li riċerka ta' dan l-istudju saret matul ix-xhur tas-sajf tas-sena l-oħra u l-kategorija ta' nies li ntużat kienet '*working age population'* – bl-eta' tvarja bejn 16-65 sena.

Kompla jgħid li l-għodda li qed jimbutta l-Gvern llum biex jiġġieled il-faqar hu permezz tax-xogħol; ix-xogħol bħala ċavetta biex niġġieldu dipendenza; ix-xogħol bħala ċavetta biex noħorġu n-nies mil-faqar; il-ħolqien ta' child care centres biex akar nisa joħorġu jaħdmu etċ.

Leonid qal wkoll li hu jaqbel perfettament ma' politika li tinċentiva x-xogħol sabiex ngħinu nies joħorġu mil-faqar, imma kompla jgħid li tajjeb li nżommu f'moħħna li għandna nies li ma' jistgħux joħorġu jaħdmu minħabba raġunijiet ta' saħħa jew diżabilità etċ. Allura għal dawn in-nies il-benefiċċji soċjali huma l-uniku sors ta' dħul. Il-kuntest internazzjonali wkoll jenfasizza xogħol bħala l-aqwa għodda fil-ġlieda kontra l-faqar.

Ir-rapport wera li fl-2012 in-numru ta' persuni fuq il-benefiċċji mhux kontributorji kien ta':

5,884 persuna – Benefiċċju Soċjali tal-Qgħad
8,231 persuna – Assistenza Soċjali
3,302 persuna – Assistenza lil ġenituri singoli.

Mir-rapport ħareġ li:

- Għalkemm hemm għodda biex niġġieldu l-faqar, dawn mhumiex biżżejjed.
- Għalkemm l-ekonomija qed tikber, il-faqar qed jikber ukoll.
- F'Malta neqsin minn riċerka empirika.
- Dawk fuq il-benefiċċji soċjali qegħdin jgħixu f'żoni kkonċentrati ta' Malta fosthom il-Belt u Bormla.
- Qed niffukaw ħafna aktar fuq id-dipendeza, aktar milli fuq l-adegwatezza tal-benefiċċji nfushom.
- L-evażjoni ta' taxxa ma tantx hi diskussa fuq livell nazzjonali u fil-midja.
- Is-sistema kif inhi llum qiegħda tbiegħed ċertu persuni milli jfittxu mpjieg (benefit trap).

Leonid Mackay għalaq id-diskussjoni fejn qal li m'hemmx soluzzjoni waħda kontra l-faqar u li l-problema ewlenija hija l-politika ekonomika neoliberali.

Tenna li ġlieda kontra l-faqar hi waħda globali, li hemm bżonn politika fiskali mfassla fuq il-ġustizzja soċjali ta' taxxi progressivi u li l-ġid jinqasam b'mod ekwu.

## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:
---------------------------------------------------------------------------
Indirizz:
---------------------------------------------------------------------------
Emejl:
---------------------------------------------------------------------------
Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***